KLR 40/VI/2012

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar it-Tlieta 16 ta' Ottubru 2012 fil-17.30.

PREŻENTI:- PREŻENTI:- Is-Sindku, l-Av. Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Marċel Tabone, il-membri, Joseph Debrincat, Michel Buttiġieġ, Josef Schembri u Carmel Theuma u s-Seg. Eżekuttiv Miriam Attard.

SKUŻAT:- Dr. Michael Portelli

Intqalet it-talba u ġew approvati l-minuti tal-aħħar laqgħa.

1. **Mill-Minuti**

1.1 Il-membri qablu li l-*litter bin* li hemm quddiem l-iskola primarja tal-Vajrinġa jitressaq lejn il-ħajt. Id-distanza li jkun hemm mill-bieb tal-ġenb tal-iskola tkun l-istess distanza minn kif inhu fil-preżent.

1.2 Dwar il-*hanger* tal-iskart domestiku l-membri qablu li dan jeħel fejn kien oriġinarjament qrib blokk IA u titneħħa t-tabella li turi li ma jistax jintrema skart f'dan il-post.

**2. Żjara Uffiċjali tal-Prim Ministru fl-okkażjoni tal-125 sena Belt Victoria**

Is-Sinkdu għarraf lil membri li billi l-Prim Minsitru ma setax jattendi għall-kunċert tal-Orkestra Nazzjonali f'egħluq il-125 sena Belt Victoria, xtaq li ssir żjar uffiċjali fir-Rabat. Din ser issir nhar il-Ġimgħa 26 ta' Ottubru 2012 mill-16.00 –il qudddiem. Il-membri qablu li wara li ssir żjara fil-bini amminsitrattiv tal-Kunsill, il-Prim Ministru jżur ix-xogħol li qed issir fl-uffiċċju tal-*front office* fis-sular t'isfel tal-Banca Giuratale u x-xogħol ta' tarmac li qed isir fit-toroq Wied is-Seqer u Sagħtar. Wara jżur iż-żewġ każini tal-baned, l-Oratorju Don Bosco u l-Victoria Scout Group fil-*premises* tagħhom.

**3.** ***Victoria Playing Field***

Il-membri qablu li jinżabbru u jsir il-manteniment neċessarju lis-siġar tal-*playing field*. Fuq qbil li kein sar fl-laqgħa preċedenti, il-Kunsill ser jgħamel CGIs (computer generated impressions) u *video clips* fuq il-proġetti tal-*playing field*, ta' Pjazza Indipendenza u ta' Pjazza Savina. Dan ix-xogħol ser jgħamlu Clive Refalo. Din il-persuna ġie suġġerita mill-Perit Edward Scerri. Il-membri ġew mgħarrfa li sar appell mingħand Gatt Tarmac Ltd. rigward l-ewwel offerta tal-bini tal-*playing field*. Sadanittant intbagħtu s-*samples* ta' Patrick u Domnic Refalo għat-testijiet kif ġie maqbul fil-laqgħat preċedenti.

***4. ERDF 249: Setting of an Integral, Archaeological and Historical Trail in Victoria***

Dwar il-proġett il-membri ġew mgħarrfa li ser tinħareġ l-offerta għall-*Project Administrator* li jkun jieħu ħsieb l-amministrazzjoni ta' dan il-proġett li tkun tinkludi fost oħrajn il-ħruġ tal-offerti, jżomm d-dokumenti kollha, jamministra x-xogħol waqt li jkoun għaddej skond l-offerti sakemm jitlesta l-proġett, jassisti l-*project leader* waqt l-awditjar u oħrajn. Dan ix-xogħol ma jistax isir permezz ta' *employment contract* peress li l-Kunsill diġa' għandu l-istaff kollu meħtieġ skond ir-regolamenti tal-Kunsilli Lokali.

**5. Ġemellaġġ Victoria – Goro**

Il-ġemellaġġ li ġie ffirmat nhar il-5 ta' Ottuburu 2012 meta kien hawn id-delegazzjoni minn Goro li ġiet bejn il-4 u s-7 ta'Ottubru 2012. L-ispejjes ta'dawn it-tlett ijiem se jiġu mnaqqsa peress li ġew approvati €7,000 mill-proġett tas-Citizens for Europe 2012 u barra minn hekk, id-delegazzjoni Taljana ġabret €2,100 li għaddewhom lill-Kunsill tagħna. L-istess delegazzjoni ħallset ukoll il-gwida li kellhom meta żaru Malta.

**6. Uffiċċju tal-*Customer Care***

Il-membri ġew mgħarfa li x-xogħol f'dan l-uffiċċju miexi u t-tqegħid tat-travertine huwa lest. Baqa' li titpoġġa l-għamara u jkun jista' jinfetaħ biex il-pubbliku jinqeda mis-sular t'isfel tal-Banca Giuratale.

**7. Żjara li saret Nichelino f'Settembru 2012**

Il-membri qablu li din kienet suċċess peress li fiha ipparteċipaw diversi setturi mir-Rabat. F'din iż-żjara pparteċipaw Rabtin fil-maratona tal-ġiri, t-tim tal-*volleyball* ta-tfajliet Rabtin, Austin Camilleri bħala artist/pittur Rabti, ż-żewġ gruppi folk Rabtin u prodotti tal-ikel tipiċi Għawdxin.

**8. Toroq taħt l-iskema tal-*Public Private Partnership (PPP)***

It-toroq Wied is-Seqer u Sagħtar miexi x-xogħol fihom u daqt jingaħtalhom it-tarmac. Il-membri qablu li jingħata t-tarmac ukoll f'żewġ daħliet li hemm fi triq Wied is-Seqer. Dawn it-tnejn huma toroq li għalissa għadhom ma jinfdux. Waħda minnhom ġġib l-isem ta' Triq Ġorġ Tabone.

## 9. Kontijiet pendenti

Ġew approvati l-kontijiet pendenti skond dokument A. Ġew approvati wkoll kontijiet ta' Joe Grima fuq bankini li saru mill-Kunsill preċedenti. Id-dati ta' dawn il-kontijieit u li ġew approvati mill-Perit Edward Scerri huma l-1 ta' Ottubru 2012. Il-kontijiet approvati huma kif ġej:- bankini fit-toroq Ċangar, Aniċi kantuneira ma Neolitiċi, Sette Gugnio, taċ-Ċawla, Għar Gerduf, Dun Pawl Micallef, Pawlu Portelli, Madonna tal-Ġilju u Santa Marija jammontaw għall-€21,263.15. Kont ieħor approvat hu ta' bankini fit-toroq Francesco Masini, Kastell, 8 ta' Diċembru, Mitħna u Pompei, dawn jammontaw għall-€7,634.17. It-total approvat hu €28897.32. Minn dawn jinqata' l-kont tal-Perit li hu €1,155.89 (4% tat-total approvat). Il-membri qablu li dawn jitħallsu meta il-Kunsill idaħħal il-fondi mill-UIF tal-MEPA fuq Pjazza J. F. Kennedy. Ġew approvati wkoll l-kontijiet ta' xogħolijiet varji ta' Joe Grima. Tqajmu xi mistoqsijiet fuq uħud minn dawn ix-xogħolijiet. Dawn huma:- l-*bollard* ta' Triq Sant Indirja għadha ma tpoġġietx, rampa fi Triq San Ġorġ, tpoġġija ta' pjanċi fi Triq Vajrinġa fejn il-kont jinkludi x-xiri ta' pjaniċi, il-pagament ta' dawn isir meta jiġu provduti dawn il-pjanċi. Il-membri qablu li l-pagamenti ta' dawn isiru wara kjarifika mingħand il-kuntrattur.

## 10. Ftuħ tal-offerti

### <u>10.1 Kisi ta' Triq San Ġorġ</u>

Infetħet l-unika offerta mixħuta u d-dettalji jinsabu fl-dokument B.

### <u>10.2 *Contracts Manager* għall-proġett tal-*Playing Field*</u>

Infetħu l-offert mixħuta u d-dettalji jinsabu f'dokumnet Ċ.

## 11. Attiviatjiet tal-Milied

Il-membri qablu li l-*Christams Village* isir bejn it-22 u l-25 ta' Novembru 2012 fi Pjazza San Ġorġ.

Dwar l-attivita' ta' lejliet l-ewwel tas-sena il-membri qabli li:-

i. l--attrazzjoni prinċipali terġa' tkun il-grupp Winter Moods;
ii. it-tinet jinkrew biss għall-fuq iż-żewġ palkijiet. Ittieħdet din i-deċiżjoni peress li imkien ma ssir tinda li tkopri l-post kollu fejn tkun ser issir l-attivita';
iii. jinġabu l-peremessi u l-assikurazzjoni neċessarja sabiex ikunu jista' jinħaraq logħob tan-nar tal-ajru, bħall musketterji.

## 12. Korrispondenza

Tressqet korrispondenza mingħand:-

12.1 id-Dipartiment għal-Gvern Lokali rigward Memo 35/2012 dwar skema ta' Impjieg Inklussiv fil-Komunita'. Din tirrigwardja ingaġġ ta' persuni b'diżabilita' mal-Kunsilli Lokali. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu japplika sabiex iħaddem persuna b'diżabilita fl-uffiċċju u anke' jitlob li jħaddem aktar minn persuna waħda jekk ikun possibli;

12.2 it-Transport Malta (TM) fejn:-

12.2.1 intalab sabiex isir parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' quddiem ir-residenza ta' Carmen Pace ta' 7, Triq id-Dejqa. Għanda timtela l-formola rikjesta;

12.2.2 intalab sabiex isir parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' quddiem ir-residenza ta' Maria Antonia Farruġia ta' 98, Triq l-Arċisqof Pietru Paċe. Għanda timtela l-formola rikjesta;

12.2.3 intalbu l-veduti tal-Kunsill rigward it-tneħħija tal-parkeġġ minn quddiem l-iskola primarja tal-Vajrinġa. Il-parkeġġ in kwistjoni jinsab faċċata ta' ħanut li jbiegħ l-istatwi u sid il-ħanut issuġġerixxa li dan jintneħħa minħabba l'fatt li kien hemm xi inċidenti fejn l-vetturi li jitilgħu minn Triq Sir Arturo Mercieca ħabtu ġol-vitrina ta' dan il-ħanut. Is-suġġeriment tal-Kunsill hu li ma jitneħħewx parkeġġi, iżda li l-parkeġġi jitmexxew bi ftit piedi u tonqos l-*area keep clear* li hemm quddiem il-bieb prinċipali tal-iskola;

12.2.4 il-Kunsill ġie nfurmat li l-1.5 metru *keep clear* quddiem 55, Triq Sant' Ursola se titneħħa minħabba li m'għadx fiha użu peress li hemm *bus stop* quddiem din id-dar;

12.3 Dr. Franco Mercieca li għandu klinika fi Pjazza J. F. Kennedy. Dan talab sbiex isiru *bollards* taħt il-bankina ta'quddiem din il-klinika. Il-Kunsill ser jitlob il-permess tat-TM;

12.4 George Azzopardi ta' 105, Triq l-Ewropa li talab permess għall-*un/loading* quddiem il-ħanut fl-indirizz imsemmi. Il-Kunsill ser jitlob il-permess tat-TM;

12.5 Michael Portelli li għandu dar fi Triq Mons. Luiġi Vella kantuniera ma Triq Gedrin, talab li jsiru *bollards* taħt il-bankina ta' quddiem id-dar. Dan minaħbba li vetturi qed jaħbtu mal-bankina u jkissruha. Il-Kunsill ser jitlob il-permess tat-TM;

12.6 Joe Camilleri li joqgħod f' 'ConJoe' Flat 3, Pjazza l-'Assedju t'Għawdex talab li jsir *double yellow line* fl-entratura ta' dawn il-*flats*. Dan minħabba li l-vetturi jipparkjaw eżatt mal-bankina u ma jkunux jistgħu jidħlu f'dawn il-*flats*;

12.7 Pamela Portelli li hi studenta fl-Universtia' ta' Malta li qed tissuġġerixxi li jsiru kalssijiet biex persuni nteressati jkun jistgħu jaqtgħu it-tipjip. Il-membri qablu li jsiru dawn il-klassijiet;

12.8 Joseph Attard ta' 43, Triq Karita' rigward suġġerimenti għall-sqaq fi Triq Karita';

12.9 Alan Scicluna, Prokutatur Legali fejn bgħat il-kontro protest ta' John Attard Kingswell fi ħdan il-*Helath Inspectors Office*. Dan rigward ir-rapport li l-Kunsill għamel fuq il-Wied tal-

Lunzjata. Dan il-Kontro Protest jgħid li huwa l-kap tad-Dipartiment tal-Gvern konċernat illi għandu ġiuridika tal-istess Dipartiment u mhux il-kap tad-Dipartiment tas-Saħħa.

12.10 il-Kummissarju tal-Artijiet fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li d-devoluzzjoni tal-piċċ tal-boċċi fi Triq it-Tabib Anton Tabone ġiet mġedded għal tlett snin oħra;

12.11 l-ETC fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li l-parteċipazzjoni fl-iskema xogħol fil-komunita' ta' Joseph Saliba u Doreen Sacco ġiet imġedda għal sitt xhur oħra b'effett mit-Tnejn 17 ta' Settembru 2012;

12.12 il-Kumitat għall-Ismijiet tat-Toroq fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex rigward it-tibdil ta' parti żgħira minn Triq il-Mitħna għal Trejqet Suor Marċellina Tabone. Dan il-kumitat jaqbel ma dan is-suġġeriment u l-Kunsill għandu jġib bil-miktub il-kunsens tar-residenti li se jiġu affetwati bit-tibdil tal-isem tat-triq;

12.13 Pierre Sammut li hu t-teżorier tal-Malta Motorsport Federation (MMF). Din tirrrigwardja l-ilment imressaq minnhom rigward kontestazzjoni fuq ħlas mill-Kunsill ta' parti mill-ispejjes li l-MMF kellha meta pparteċipat fil-Grand Tour of Taste. Il-membri qablu li l-ispejjes in kwistjoni jitħallsu;

12.14 Dr. Jean Paul Grech li kiteb għan-nom tal-Bord Editorjali tal-ktieb tal-festa 2012 maħruġ mis-soċjeta Fiularmonika Leone. Is-Soċjeta' iddisassjoċjat ruħha minn kull kumment fil-konfront tal-Kunsill Lokali u li kienu nklużi f'xi artikli li dehru fis-souvenir programme li ħarġet is-soċjeta' filarmonika Leone fil-festa ta' Sanata Marija ta' din is-sena. Dan kien ukoll fl-ittra lis-Soċjeta' Filarmonika Leone bgħatet lill-Kunsill fil-5 ta' Settembru 2012;

12.15 id-Diaprtiment għal-Gvern Lokali rigward Mistoqsija Parlamentari 36455 li kienet tirrigwardja l-Kunsill tagħna. F'din il-Mistoqsija Parlamentari ntalbu dettalji rigward water culvert fi Triq it-Tabib Anton Tabone. Din hi triq arterja.

**13. Materji oħra**

Il-membri qablu li:-

13.1 t-TC Cleaning tnaddaf Triq il-Ħamamiet li fiha diversi oġġetti kbar mormija minbarra ħmieġ ieħor. Dan għall-prezz ta' €700;

13.2 ssir bozza ġdida fil-Wied tal-Lunzjata. Din se tiġi tiswa €1,036,25 u l-prezz jinkludi t-trinka li trid issir;

13.3 jintalab il-permess tal-Enemlta biex issir bozza ġdida qrib f''Xambekk Court' fi Triq Wied is-Seqer;

13.4 jintalab lit-TM sabiex issir *un/loading* n-naħħa ta' wara tat-Teatru Aurora fil-ħinijiet ta' filgħodu biss;

13.5 jintalab il-permess tat-TM sabiex titranġa l-*area* ta' bejn Triq Wied il-Lunzjata u Triq Kerċem. Din tinkludi bankina;

13.6 tintalab stima mingħand il-Perit Edward Scerri sabiex il-bankina ta' quddiem *blocks* EA u EB f'taċ-Ċawla titranġa peress li għandha livelli ħżiena bil-konsegwenza li meta tgħamel ix-xita jinżamm l-ilma quddiem il-bibien tal-*blocks*.

13.7 jinżabbru l-palm f'taċ-Ċawla H. E., fil-piċċ tal-boċċi ta' Triq it-Tabib Anton Tabone u fil-ġnien ta' Qasam San Ġorġ;

13.8 l-Kunsill jikkunsidra li jorġanizza attivita' tal-Karnival is-Sibt qabel jibdew il-ġranet uffiċċjali tal-Karnival. Il-membri qablu li tintalab l-għajnuna ta'Amina Contin u ta' Centre Stage Dance Academy.

Il-laqgħa spiċċat fit-20.00 u lqagħa oħra ser issir nhar it-Tlieta 27 ta' Novembru 2012 fis-18.00.

| | |
|---|---|
| Dr.Samuel Azzoaprdi | Miriam Attard |
| Sindku | Seg. Eżekuttiv |